2011/0344(COD)

7.6.2012

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-perjodu 2014-2020 il-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza
(COM(2011)0758 – C7-0438/2011 – 2011/0344(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Kinga Göncz

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA..... 29

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-perjodu 2014-2020 il-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza (COM(2011)0758 – C7-0438/2011 – 2011/0344(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0758),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 19(2), 21(2), 114, 168, 169 u 197 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0438/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7–0000/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1
Proposta għal Regolament
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi għall-perjodu 2014-2020 il-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi għall-perjodu 2014-2020 il-Programm tad-Drittijiet***, l-Ugwaljanza*** u ċ-Ċittadinanza *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha tkun teħtieġ tibdiliet*

korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Emenda 2
Proposta għal Regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni Ewropea hija stabbilita fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem u l-istat tad-dritt, prinċipji li huma ***komuni għall-Istati Membri. Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-drittijiet ipprovduti fit-Trattat.*** Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona saret legalment vinkolanti fl-Unjoni, tirrifletti d-drittijiet u l-libertajiet li huma intitolati għalihom il-persuni ***fl-Unjoni***. Dawk id-drittijiet għandhom jiġu promossi u rispettati biex ikunu jistgħu jsiru realtà. It-tgawdija sħiħa ta' dawk id-drittijiet għandha tkun iggarantita u għandu jitneħħa kwalunkwe ostakolu.	(1) L-Unjoni Ewropea hija stabbilita fuq il-prinċipji tal-libertà, ***l-ugwaljanza,*** id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem u l-istat tad-dritt, prinċipji ***komuni*** li ***l-Istati Membri ssieħbu magħhom b'mod volontarju u li għandhom jirrispettaw. L-individwi*** huma ***intitolati li jgawdu mid-drittijiet konferiti mit-Trattat,*** il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***(il-Karta) u l-konvenzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni ssieħbet magħhom. Il-Karta***, li mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona saret legalment vinkolanti fl-Unjoni, tirrifletti d-drittijiet u l-libertajiet *fundamentali* li huma intitolati għalihom il-persuni ***kif ukoll id-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni kif previst fit-Trattat***. Dawk id-drittijiet għandhom jiġu promossi u rispettati biex ikunu jistgħu jsiru realtà. It-tgawdija sħiħa ta' dawk id-drittijiet għandha tkun iggarantita u għandu jitneħħa kwalunkwe ostakolu.

Or. en

Emenda 3
Proposta għal Regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu	(3) Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu

jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet li joħorġu miċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Huma għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-Unjoni, id-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fil-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali, id-dritt tagħhom għall-protezzjoni konsulari u d-dritt tagħhom li jagħmlu petizzjoni lill-Parlament Ewropew. Huma għandhom iħossuhom komdi dwar il-ħajja, l-ivvjaġġar u li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor, b'fiduċja li ***d-drittijiet*** tagħhom ***ikunu protetti***, irrispettivament minn fejn fl-Unjoni Ewropea jinzertaw.

jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet li joħorġu miċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Huma għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-Unjoni, id-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fil-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali, id-dritt tagħhom għall-protezzjoni konsulari u d-dritt tagħhom li jagħmlu petizzjoni lill-Parlament Ewropew. Huma għandhom iħossuhom komdi dwar il-ħajja, l-ivvjaġġar***, l-istudju*** u li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor, b'fiduċja li ***jgawdu aċċess ugwali u l-infurzar sħiħ u l-protezzjoni tad-drittijiet*** tagħhom ***mingħajr ebda diskriminazzjoni***, irrispettivament minn fejn fl-Unjoni Ewropea jinzertaw.

Or. en

Emenda 4
Proposta għal Regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata*** fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u ***l-promozzjoni tal-ugwaljanza*** bejn in-nisa u l-irġiel ***huma valuri komuni għall-Istati Membri. Il-ġlieda*** kontra kull forma ta***'*** diskriminazzjoni ***hija mira kontinwa li teħtieġ*** azzjoni kkoordinata, inkluż permezz tal-allokazzjoni ta' fondi.	(5) ***Skont l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 8, 10 u 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 21 tal-Karta, l-Unjoni għandha tiġġieled id-diskriminazzjoni*** fuq ***kwalunkwe bażi, b'mod partikolari*** is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ***il-lingwa, in-nazzjonalità jew is-sħubija ta' minoranza nazzjonali,*** ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u ***tiżgura l-ugwaljanza*** bejn in-nisa u l-irġiel***, kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet, li hija obbligu li jirriżulta mill-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet tan-NU. L-integrazzjoni tal-ugwaljanza u l-bini ta' soċjetà inklussiva permezz tal-ġlieda*** kontra kull forma ta***'*** diskriminazzjoni***, intolleranza u***

mibegħda huma miri kontinwi li jeħtieġu azzjoni kkoordinata, inkluż permezz tal-allokazzjoni ta' fondi ***suffiċjenti***.

Or. en

Emenda 5
Proposta għal Regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Skont l-Artikoli 8 u 10 ***tat-Trattat war il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***, il-Programm għandu jappoġġa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u ***l-objettivi*** kontra ***d-diskriminazzjoni*** fl-attivitajiet kollha tiegħu. Għandu jsir regolarment monitoraġġ u valutazzjoni sabiex jiġi evalwat il-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jiġu indirizzati fl-attivitajiet tal-Programm.	(6) Skont l-Artikoli 8 u 10 ***tat-TFUE***, il-Programm għandu jappoġġa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza***, inkluża l-ugwaljanza*** bejn in-nisa u l-irġiel***,*** u ***l-ġlieda*** kontra ***l-forom kollha ta' diskriminazzjoni*** fl-attivitajiet kollha tiegħu. Għandu jsir regolarment monitoraġġ u valutazzjoni sabiex jiġi evalwat il-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jiġu indirizzati fl-attivitajiet tal-Programm.

Or. en

Emenda 6
Proposta għal Regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u pjaga serja għas-saħħa***. Din il-vjolenza*** hija preżenti fl-Unjoni ***u*** teħtieġ azzjoni kkoordinata sabiex tiġi indirizzata. It-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.	(7) Il-vjolenza fuq in-nisa***, it-tfal u persuni vulnerabbli oħra*** fil-forom kollha tagħha tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u pjaga serja għas-saħħa ***u*** hija preżenti fl-Unjoni ***kollha. Għalhekk,*** teħtieġ azzjoni kkoordinata sabiex tiġi indirizzata ***billi tibni fuq l-esperjenza tal-programmi DAPHNE preċedenti***. It-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

Or. en

Emenda 7
Proposta għal Regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) It-Trattat jeħtieġ li l-Unjoni tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal skont l-Artikolu 3(3) ***tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***, filwaqt li tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni. It-tfal huma vulnerabbli, ***b'mod partikolari*** f'sitwazzjoni ta' faqar, esklużjoni soċjali, diżabbiltà jew sitwazzjonijiet speċifiċi li jqiegħduhom fir-riskju. Għandha tittieħed azzjoni sabiex ***jiġu promossi d-drittijiet*** tat-tfal u sabiex ikun hemm kontribut għall-protezzjoni tat-tfal minn ħsara u vjolenza, li ***jippreżentaw periklu għas-saħħa*** fiżika ***jew*** mentali ***tagħhom***.	(8) It-Trattat jeħtieġ li l-Unjoni tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal skont l-Artikolu 3(3) ***tat-TUE***, filwaqt li tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni. It-tfal huma ***partikolarment*** vulnerabbli, ***speċjalment*** f'sitwazzjoni ta' faqar, esklużjoni soċjali, diżabbiltà jew sitwazzjonijiet speċifiċi li jqiegħduhom fir-riskju***, bħall-għajbien tat-tfal, il-koerżjoni, id-deprivazzjoni arbitrarja tal-libertà u t-traffikar***. Għandha tittieħed azzjoni sabiex ***tiġi integrata l-promozzjoni tad-drittijiet*** tat-tfal ***fl-attivitajiet tal-Unjoni*** u sabiex ikun hemm kontribut għall-protezzjoni tat-tfal minn ***sfruttament,*** ħsara u vjolenza, li ***jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tagħhom għas-sopravivenza, l-iżvilupp, il-protezzjoni, id-dinjità u l-integrità*** fiżika***,*** mentali ***u emottiva***.

Or. en

Emenda 8
Proposta għal Regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Skont l-Artikolu 9 tat-TFUE, għandhom jitħeġġu livell għoli ta' impjieg, garanzija tal-protezzjoni soċjali adegwata u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali. Azzjonijiet f'dan il-programm għandhom għalhekk iħeġġu s-sinerġiji bejn il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-

ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 9
Proposta għal Regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Komunikazzjoni dwar Ewropa 2020 tistabbilixxi strateġija għal tkabbir b'mod intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-appoġġ u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-individwi fi ħdan l-Unjoni, l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-għanijiet oġġettivi u l-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija għall-Ewropa 2020.	(10) Il-Komunikazzjoni dwar Ewropa 2020 tistabbilixxi strateġija għal tkabbir b'mod intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-appoġġ u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-individwi fi ħdan l-Unjoni, ***l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel,*** l-indirizzar ***tal-forom kollha*** tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi***, il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet*** u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-għanijiet oġġettivi u l-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija għall-Ewropa 2020.

Or. en

Emenda 10
Proposta għal Regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Ir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-istruttura tal-fondi m'għandhomx jirriżultaw f'nuqqas fil-livell tar-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-programmi 2007-2013 preċedenti. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-applikanti potenzjali, għandhom jiġu ssimplifikati wkoll il-proċeduri tal-applikazzjoni u r-rekwiżiti tal-ġestjoni finanzjarja u għandhom jitneħħew il-piżijiet amministrattivi. Jitlob għal proposti u d-

dokumenti ġustifikattivi tagħhom għandhom ikunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 11
Proposta għal Regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-organizzazzjonijiet u n-netwerks tal-organizzazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni jagħmlu kontributi importanti għall-iżvilupp tal-politika u għandhom jitqiesu bħala atturi ewlenin għax huma għandhom impatt kbir fuq l-ilħuq tal-objettivi tal-Programm. Huma għandhom għalhekk jirċievu ffinanzjar bi qbil mal-proċeduri u l-kriterji stipulati fil-programmi ta' ħidma annwali.

Or. en

Emenda 12
Proposta għal Regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Il-Kummissjoni għandha tagħżel azzjonijiet billi tivvaluta l-proposti mqabbla ma' kriterji predefiniti li jiżguraw konsistenza, kumplementarjetà u sinerġiji globali mal-ħidma tal-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. Il-proġetti nazzjonali u l-proġetti fuq skala żgħira jistgħu wkoll jitqiesu li għandhom valur miżjud Ewropew u b'hekk jintgħażlu għall-iffinanzjar.

Or. en

Emenda 13
Proposta għal Regolament
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13c) Organizzazzjonijiet - inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi - korpi, netwerks fuq livell Ewropew u servizzi armonizzati ta' valur soċjali li jfittxu attivitajiet relatati mal-objettivi tal-Programm għandhom ikunu kapaċi japplikaw għall-iffinanzjar xieraq għal għotjiet ta' azzjoni u għotjiet operattivi. Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jiżguraw li kull objettiv speċifiku tal-Programm jirċievi parti bbilanċjata u ġusta mill-allokazzjonijiet finanzjarji sabiex tiġi żgurata l-kontinwità u jitħeġġu l-prevedibbiltà u l-affidabbiltà tal-iffinanzjar.

Or. en

Emenda 14
Proposta għal Regolament
Premessa 13d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13d) Il-Kummissjoni għandha tiżgura distribuzzjoni ġeografika ġusta, u tipprovdi assistenza f'dawk l-Istati Membri fejn in-numru ta' azzjonijiet iffinanzjati jkun relattivament baxx.

Or. en

Emenda 15
Proposta għal Regolament
Premessa 13e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13e) Minħabba l-importanza tal-viżibbiltà tal-iffinanzjar tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida dwar il-viżibbiltà biex tiżgura li kwalunkwe awtorità, organizzazzjoni mhux governattiva jew entità oħra li tkun qed tirċievi ffinanzjar minn dan il-Programm tirrikonoxxi kif suppost l-appoġġ li tkun irċeviet.

Or. en

Emenda 16
Proposta għal Regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Sabiex jiġu definiti l-prijoritajiet u l-azzjonijiet annwali, inklużi l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-benefiċjarji u l-għażla essenzjali u l-kriterji ta' għażla li jridu jintużaw biex jintgħażlu l-proposti, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa biex jiġu adottati atti bi qbil mal-Artikolu 290 tat-TFUE. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, fil-preparazzjoni u t-tfassil tal-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 17
Proposta għal Regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma annwali***. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. Minħabba l-ammonti annwali kkonċernati, l-implikazzjonijiet baġitarji jistgħu jitqiesu bħala mhux sostanzjali. Għaldaqstant, għandha tapplika l-proċedura konsultattiva.	Għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward ***tat-tfassil ta' kalendarju għas-sejħiet għal offerti u s-sejħiet għal proposti ppjanati.*** Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni . Minħabba l-ammonti annwali kkonċernati, l-implikazzjonijiet baġitarji jistgħu jitqiesu bħala mhux sostanzjali. Għaldaqstant, għandha tapplika l-proċedura konsultattiva.

Or. en

Emenda 18
Proposta għal Regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona, fejn id-drittijiet tal-individwi, kif stabbiliti ***fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, jiġu promossi u protetti, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-	(20) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona, fejn id-drittijiet tal-individwi, ***il-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni,*** kif stabbiliti ***fit-TFUE***, ***il-Karta u l-konvenzjonijiet internazzjonali li ssieħbet magħhom l-Unjoni,*** jiġu promossi u protetti, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-

Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.	proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

Or. en

Emenda 19
Proposta għal Regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm ***tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet*** u ċ-Ċittadinanza, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Programm'.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm ***tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza*** u ċ-Ċittadinanza, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Programm'.

Or. en

Emenda 20
Proposta għal Regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-valur miżjud Ewropew ta' azzjoni għandu jiġi vvalutat fuq il-bażi ta' kriterji bħal ma huwa l-kontribut tagħha għall-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni, għall-implimentazzjoni konsistenti u koerenti tal-liġi tal-Unjoni, għat-tixrid tal-aħjar prattiki, għall-ħolqien ta' standards minimi, l-għodod u s-soluzzjonijiet prattiċi komuni li jindirizzaw sfidi transkonfinali jew fl-Unjoni kollha. Valur miżjud Ewropew ta' azzjoni għandu wkoll jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-potenzjal tagħha biex tiżviluppa fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, biex titjieb il-kooperazzjoni transkonfinali f'livelli varji u fuq il-bażi tal-impatt transnazzjonali tagħha. Proġetti fuq skala żgħira u nazzjonali għandhom ikunu eliġibbli għall-

iffinanzjar minħabba l-potenzjal tagħhom biex jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Programm u biex jindirizzaw sfidi fl-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 21
Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-objettiv ġenerali tal-Programm għandu jkun li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona, fejn id-drittijiet tal-individwi, kif stabbilit ***fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, ikunu promossi u protetti.	L-objettiv ġenerali tal-Programm għandu jkun li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona, fejn id-drittijiet tal-individwi, ***il-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni,*** kif stabbilit ***fit-TFUE***, ***il-Karta u l-konvenzjonijiet internazzjonali li ssieħbet magħhom l-Unjoni,*** ikunu promossi u protetti.

Or. en

Emenda 22
Proposta għal Regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li jikkontribwixxi ***għat-titjib tal-eżerċizzju*** tad-drittijiet li *jirriżultaw* miċ-ċittadinanza tal-Unjoni;	(a) li ***jħeġġeġ u*** jikkontribwixxi ***għall-protezzjoni*** tad-drittijiet ***tal-persuni kollha u jħeġġeġ l-eżerċizzju tad-drittijiet*** li *jirriżulta* miċ-ċittadinanza tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 23
Proposta għal Regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji *ta' non-diskriminazzjoni* ***fuq il-bażi*** tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali inkluża l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u tal-anzjani;	(b) li jippromwovi ***u jintegra l-ugwaljanza għal kulħadd u*** l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji *tan-nondiskriminazzjoni* ***fuq kwalunkwe bażi b'mod partikolari*** tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ***il-lingwa, in-nazzjonalità jew is-sħubija ma' minoranza nazzjonali,*** ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali inkluża l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u tal-anzjani;

Or. en

Emenda 24
Proposta għal Regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) li jevita u jiġġieled kontra l-vjolenza u l-mibegħda kontra, b'mod partikolari, gruppi ta' minoranzi, kif definit bir-referenza għas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi, u jħeġġeġ it-tolleranza u r-rispett lejhom;

Or. en

Emenda 25
Proposta għal Regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) li jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u jtejjeb l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

Or. en

Emenda 26
Proposta għal Regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) li jevita u jiġġieled kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, it-tfal u persuni vulnerabbli oħra u l-fastidju u l-isfruttament tagħhom, kif ukoll jipproteġi l-vittmi ta' tali vjolenza;

Or. en

Emenda 27
Proposta għal Regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li ***jtejjeb ir-rispett tad-drittijiet*** tat-tfal;	(d) li ***jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet*** tat-tfal;

Or. en

Emenda 28
Proposta għal Regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) li jagħti s-setgħa ***lill-konsumaturi u lin-negozji*** li ***jinnegozjaw u jixtru b'fiduċja fi ħdan is-suq intern, billi jinforza d-drittijiet derivati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-konsumatur u billi jappoġġja l-libertà li wieħed imexxi*** negozju fis-suq intern***, permezz tat-transazzjonijiet transkonfinali***.	(e) li jagħti s-setgħa ***liċ-ċittadini*** li ***jinfurzaw id-drittijiet tagħhom għal-libertà li jiċċaqalqu u jgħixu b'mod ħieles, jaħdmu, jistudjaw u jmexxu*** negozju fis-suq intern.

Or. en

Emenda 29
Proposta għal Regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-indikaturi għall-kejl tal-ilħuq*** tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, ***għandhom ikunu***, ***fost affarijiet oħra, il-perċezzjoni Ewropea tar-rispett,*** l-eżerċizzju u l-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet u l-għadd ta' ilmenti.	2. ***Biex jitkejjel l-ilħuq*** tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, ***għandha tinġabar data kwantitattiva u kwalitattiva dwar ir-rispett***, l-eżerċizzju u l-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet u l-għadd ta' ilmenti.

Or. en

Emenda 30
Proposta għal Regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-għarfien pubbliku u l-għarfien tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 31
Proposta għal Regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-liġi u l-politiki tal-UE fl-Istati Membri;	(b) l-appoġġ ***għall-infurzar tad-drittijiet fundamentali u l-implimentazzjoni*** tal-liġi u l-politiki tal-UE fl-Istati Membri ***u l-indirizzar tal-kwistjonijiet potenzjali li jaffettwaw l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-prinċipji ggarantiti mit-Trattat, il-Karta u l-liġi tal-Unjoni bil-għan li jiġu żgurati t-tfassil tal-politiki u l-leġiżlazzjoni bbażati***

fuq l-evidenza;

Or. en

Emenda 32
Proposta għal Regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) it-tisħiħ tal-kuxjenza pubblika u l-għarfien tad-drittijiet, il-liġi u l-politiki tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 33
Proposta għal Regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib fl-għarfien u l-fehim ta' kwistjonijiet potenzjali li jaffettwaw l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-prinċipji garantiti mit-Trattat, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni bil-ħsieb li jiġi żgurat tfassil ta' politiki u leġiżlazzjoni bbażat fuq l-evidenza.	***imħassar***

Or. en

Emenda 34
Proposta għal Regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Appoġġ għall-atturi ewlenin, bħal appoġġ lill-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi u l-politiki tal-Unjoni;	(d) Appoġġ għall-atturi ewlenin ***li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-***

appoġġ għal netwerks ewlenin ***fil-livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta mal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Programm***; netwerking ***fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-livell Ewropew***; finanzjament ta' netwerks ta' esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

programm, bħal appoġġ lill-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi u l-politiki tal-Unjoni; appoġġ ***b'għotjiet ta' azzjoni u għotjiet operattivi*** għal ***organizzazzjonijiet u*** netwerks ***Ewropej*** ewlenin; ***azzjonijiet ta' appoġġ u attivitajiet ta'*** netwerking ***ta' natura transkonfinali***; finanzjament ta' netwerks ta' esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

Or. en

Emenda 35
Proposta għal Regolament
Artikolu 6 - paragrafu 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għall-korpi pubbliċi u/jew privati kollha u l-entitatjiet stabbiliti legalment:	1. L-Aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għall-korpi pubbliċi u/jew privati kollha***, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali*** u l-entitatjiet stabbiliti legalment:

Or. en

Emenda 36
Proposta għal Regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Miżuri ta' implimentazzjoni	
1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru XX/XX ta' XX dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea.	
2. Sabiex timplimenta l-Programm, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali fil-forma ta' atti implimentattivi. Dawk l-atti ta'	

implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9(2).

3. Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jistabbilixxu l-miżuri li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom, il-prijoritajiet ta' sejħiet għal proposti u l-elementi l-oħrajn kollha meħtieġa mir-Regolament (UE, Euratom) Nru XX/XX ta' XX dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 37
Proposta għal Regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Programmi ta' Ħidma Annwali
	1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8b fil-forma ta' programmi ta' ħidma annwali mfassla bi qbil mar-Regolament Finanzjarju u tfassal b'mod partikolari:
	(a) il-prijoritajiet u l-azzjonijiet annwali li jridu jittieħdu, inkluża l-allokazzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji;
	(b) il-kriterji tal-eliġibbiltà dettaljata għall-benefiċjarji;
	(c) il-kriterji tal-għażla u ta' għotja essenzjali li jintużaw sabiex jintgħażlu l-proposti li se jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji.
	2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jfasslu kalendarju għas-sejħiet għal offerti u s-sejħiet għal proposti ppjanati sabiex jiġu implimentati l-programmi ta' ħidma annwali msemmija

fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9(2).

3. Meta titfassal l-allokazzjoni ta' fondi fil-programmi ta' ħidma annwali, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-distribuzzjoni xierqa u ġusta tar-riżorsi finanzjarji tkun disponibbli għal kull objettiv stipulat fl-Artikolu 4(1) ta' dan il-Programm.

Or. en

Emenda 38
Proposta għal Regolament
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8 b
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa li jiġu adottati atti ddelegati msemmija fl-Artikolu°8a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għat-tul tal-Programm.
	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni għal revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att ta' delega li diġà jkun fis-

seħħ.

4. Malli tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha fl-istess ħin tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 8a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 39
Proposta għal Regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura konsistenza, kumplementarjetà u sinerġiji globali mal-ħidma tal-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, u tieħu vantaġġ mill-kooperazzjoni stabbilita tagħha mal-Istituzzjonijiet Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Korpi għall-Ugwaljanza, in-netwerk ta' riċerka tagħha u l-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali biex tqajjem kuxjenza, tikkonsulta dwar il-prijoritajiet annwali u taqsam l-informazzjoni.

Or. en

Emenda 40
Proposta għal Regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ regolari tal-Programm sabiex issegwi l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa skontu fl-oqsma ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 5 (1) u l-ksib tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4. Il-monitoraġġ għandu jipprovdi wkoll mezz ta' evalwazzjoni tal-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ġew indirizzati fl-azzjonijiet tal-programm. ***Fejn rilevanti, l-indikaturi għandhom ikunu disaggregati skont is-sess, l-età u d-diżabbiltà.***	1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ regolari tal-Programm sabiex issegwi l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa skontu fl-oqsma ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 5 (1) u l-ksib tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4. Il-monitoraġġ għandu jipprovdi wkoll mezz ta' evalwazzjoni tal-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ġew indirizzati fl-azzjonijiet tal-programm.

Or. en

Emenda 41
Proposta għal Regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rapport ta' evalwazzjoni interim sa mhux aktar tard minn nofs ***l-2018***;	(a) rapport ta' evalwazzjoni interim sa mhux aktar tard minn nofs ***l-2017***;

Or. en

Emenda 42
Proposta għal Regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rapport ta' evalwazzjoni ex post.	(b) rapport ta' evalwazzjoni ex post ***sa mhux aktar tard minn sena wara tmiem il-perjodu tal-Programm***.

Or. en

Emenda 43
Proposta għal Regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-rapport ta' evalwazzjoni interim dwar l-ilħuq tal-għanijiet tal-Programm, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tal-Programm bl-għan li jiġi stabbilit jekk il-finanzjament f'oqsma koperti mill-Programm għandhomx jiġu mġedda, modifikati jew sospiżi wara l-2020. Huwa għandu jindirizza wkoll l-ambitu għal kwalunkwe simplifikazzjoni tal-Programm, il-koerenza interna u esterna tiegħu, kif ukoll ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet kollha tiegħu. Dan għandu jieħu in kunsiderazzjoni r-riżultati ta' evalwazzjonijiet ex-post tal-programmi msemmija fl-Artikolu 13.	3. Ir-rapport ta' evalwazzjoni interim dwar l-ilħuq tal-għanijiet tal-Programm, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi***, il-kopertura ġeografika tal-attivitajiet iffinanzjati*** u l-valur miżjud Ewropew tal-Programm bl-għan li jiġi stabbilit jekk il-finanzjament f'oqsma koperti mill-Programm għandhomx jiġu mġedda, modifikati jew sospiżi wara l-2020. Huwa għandu jindirizza wkoll l-ambitu għal kwalunkwe simplifikazzjoni tal-Programm, il-koerenza interna u esterna tiegħu, kif ukoll ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet kollha tiegħu. Dan għandu jieħu in kunsiderazzjoni r-riżultati ta' evalwazzjonijiet ex-post tal-programmi msemmija fl-Artikolu 13.

Or. en

Emenda 44
Proposta għal Regolament
Artikolu 12 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12 a
	Indikaturi
	1. L-ilħuq ta' kull objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 4 għandu jiġi vvalutat fuq bażi ta' indikaturi tal-prestazzjoni li jistgħu jitkejlu. Fejn ikun relevanti, l-indikaturi għandhom ikunu disaggregati, fost l-oħrajn, skont is-sess, l-età, id-diżabbiltà, l-etniċità u s-sħubija ma'

gruppi ta' minoranza. Din il-valutazzjoni għandha ssir fost l-oħrajn fuq il-bażi tal-indikaturi li ġejjin:

(a) in-numru ta' persuni li jkunu ntlaħqu mill-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ffinanzjati mill-Programm;

(b) in-numru ta' persuni li jkunu ppartečipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ, l-iskambji, iż-żjarat ta' studju, il-workshops u s-seminars iffinanzjati mill-Programm;

(c) iż-żieda fl-għarfien tal-partečipanti dwar il-liġi u l-politiki tal-Unjoni fl-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm;

(d) in-numru ta' każijiet/attivitajiet ta' kooperazzjoni transkonfinali;

(e) il-kopertura ġeografika tal-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm;

2. Flimkien mal-indikaturi msemmijin fil-paragrafu 1, ir-rapporti ta' evalwazzjoni interim u finali tal-Programm għandhom jivvalutaw ukoll:

(a) il-valur miżjud Ewropew tal-Programm;

(b) il-livell ta' finanzjament relatat mal-effetti miksuba;

(c) l-ostakoli amministrattivi, organizzattivi u/jew strutturali possibbli għall-implimentazzjoni aktar faċli, aktar effettiva u effiċjenti tal-Programm.

Or. en

Emenda 45
Proposta għal Regolament
Artikolu 12 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12 b
	Rikonoxximent tal-finanzjamenti
	Kwalunkwe organizzazzjoni, korp,

netwerk jew attività li tirċievi finanzjament minn dan il-Programm għandha tiżgura viżibbiltà xierqa tal-appoġġ finanzjarju li tkun irċeviet mill-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida dettaljati tal-viżibbiltà u tippubblika l-lista tal-benefiċjarji u l-proġetti ffinanzjati minn dan il-Programm fuq bażi annwali.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza għall-perjodu 2014-2020 jipprevedi l-kontinwazzjoni u l-iżvilupp tal-attivitajiet li attwalment qegħdin jitwettqu fuq il-bażi tal-programmi li ġejjin:

- id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza,
- Daphne III,
- is-Sezzjonijiet "Antidiskriminazzjoni u Diversità" u "Ugwaljanza bejn is-Sessi" tal-Programm għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS).

Sfortunatament, wara r-ristrutturazzjoni tal-fondi, il-Kummissjoni qed tipproponi baġit iżgħar mit-tliet fondi attwali magħqudin flimkien. It-twaħħid tal-programmi preċedenti għandu jwassal għal aktar flessibbiltà fl-iffissar tal-prijoritajiet matul il-perjodu ta' programmazzjoni ta' 7 snin u jnaqqas l-ispejjeż tal-ġestjoni fil-livell Ewropew, madankollu r-rapporteur iqis li huwa ugwalment importanti li l-iffinanzjar iżomm il-prevedibbiltà u l-kontinwità għall-applikanti matul is-7 snin u għalhekk jitlob għal programmi annwali li jiżguraw sehem ibbilanċjat u ġust tal-allokazzjonijiet finanzjarji għal kull wieħed mill-programmi speċifiċi. Għandu jiġi mfittex li jinkiseb bilanċ ġeografiku. Barra minn hekk is-simplifikazzjoni għandha tirriżulta fit-tnaqqis tal-piżijiet burokratiċi għall-benefiċjarji, inklużi dawk tal-ġestjoni finanzjarja.

Ir-rapporteur huwa tal-opinjoni li l-iskop tal-proposta għandu jiġi estiż u għalhekk inkluda l-ugwaljanza fit-titlu tal-proposta. L-ugwaljanza għal kulħadd irċeviet fokus espliċitu fl-objettivi wkoll. Id-drittijiet fundamentali mhumiex limitati għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea biss għalhekk l-iskop tal-benefiċjarji tad-drittijiet fundamentali ġie estiż għall-individwi kollha lil hinn miċ-ċittadini. Dan huwa importanti għax il-leġiżlazzjoni tal-UE taffettwa ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fl-Unjoni kif ukoll dawk li jfittxu l-ażil, li wkoll għandhom bżonn jibbenefikaw mill-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm.

Wara t-Trattat ta' Lisbona, l-UE saret entità legali li hija issa intitolata li tissieħeb ma' organizzazzjonijiet u konvenzjonijiet internazzjonali. Dan jipprovdi opportunità akbar biex jiġu iżjed protetti d-drittijiet fundamentali. Il-Programm għalhekk għandu wkoll jikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mill-konvenzjonijiet li l-UE tkun issieħbet magħhom jew li hija legalment obbligata li tissieħeb magħhom fuq il-bażi tat-Trattat, bħall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Għalhekk saret referenza speċjali f'dan ir-rigward.

Ir-rapporteur qed jipproponi indikaturi speċifiċi bħala l-bażi biex titkejjel l-effiċjenza tal-Programm, kif ukoll biex jiġi vvalutat il-valur miżjud Ewropew ta' proposta. L-objettivi saru aktar speċifiċi.

Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Programm huwa li jiġu promossi u protetti l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza għal kulħadd. Għal dan il-għan, twessa' l-iskop tal-antidiskriminazzjoni u ġew introdotti objettivi ġodda sabiex il-programm jikkontribwixxi aħjar għall-bini ta' soċjetà Ewropea aktar inklużiva u jitħeġġu r-rispett u t-tolleranza lejn

kwalunkwe membru ta' grupp ta' minoranza. Dan huwa ta' importanza kruċjali speċjalment fiż-żminijiet tal-kriżi attwali.

Il-programm DAPHNE preċedenti kien aktar speċifiku dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-vjolenza, għalhekk ġew introdotti f'dan ir-rigward objettivi simili imma d-drittijiet tat-tfal kif ukoll id-drittijiet ta' nies b'diżabbiltà wkoll iridu jirċievu attenzjoni speċjali.

L-organizzazzjonijiet fil-livell Ewropew u n-netwerks ta' organizzazzjonijiet jagħmlu kontribut importanti għall-iżvilupp tal-politika tal-UE, għalhekk huma għandhom jitqiesu b'mod espliċitu bħala atturi ewlenin u jirċievu finanzjament kemm għall-azzjonijiet kif ukoll għall-ispejjeż operazzjonali. Il-benefiċjarji għandhom jagħmlu wkoll il-finanzjament tal-UE aktar viżibbli, għalhekk il-Kummissjoni hija mħeġġa li tfassal linji gwida tal-viżibbiltà imma wkoll li tippubblika kull sena l-lista tal-proġetti ffinanzjati.

Biex tiġi żgurata parteċipazzjoni aħjar tal-leġiżlaturi kollha meta jitfasslu l-prijoritajiet fil-programmi annwali, ir-rapporteur jissuġġerixxi l-użu ta' atti ddelegati. Il-Kummissjoni għandha tfittex il-kumplementarjetà u s-sinerġiji ma' programmi oħra u l-ħidma tal-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni bħall-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għax l-attivitajiet tagħha għandhom fil-mira objettivi simili.

L-iskadenza biex jitressaq ir-rapport interim (nofs l-2018) għandha r-riskju li ddewwem il-ħidma preparatorja għall-programm li jmiss wara l-2020, għalhekk ir-rapporteur qed ibiddilha għall-2017.